**8 ta' Jannar, 1958.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Zammit

*versus*

Carmelo Caruana ne.

**Privileġġ — Kanonizzazzjoni tal-Kreditu — Ċitazzjoni — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 2113(d) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Talba biex jiġi dikjarat il-privileġġ speċjali fuq oġġetti mobili li għadhom ma ġewx imħallsa, qabel il-kanonizzazzjoni tal-kreditu għall-prezz ta' dawk l-istess oġġetti, hija intempestiva. Il-kreditu huwa ħaġa, u l-privileġġ huwa ħaġ'oħra. Il-kreditu jissussisti indipendentement mill-privileġġ, mentri l-privileġġ ma jistgħax jissussisti mingħajr il-kreditu. U huwa legalment inkonċepibbli li tiġi mitluba dikjarazzjoni ta' privileġġ bħala preordinata għat-talba tal-kundanna għall-kreditu; għall-kuntrarju, huwa skond il-loġika naturali u ġuridika li t-talba għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu għandha tkun preordinata għad-dikjarazzjoni fis-sens li l-kreditu tal-attur għandu jgawdi d-dritt ta' prelazzjoni fuq il-ħwejjeġ partikulari li huma destinati biex jiggarantixxu aħjar il-pagament.*

*Barra minn dan, l-affermazzjoni ġudizzjali tal-jeddijiet leġittimi ta' preferenza reklamata kontra d-debitur biss, apparti milli*

*hija inopportuna jekk ma hemmx kreditu ta' ħadd ieħor fuqha, hija indubbjament intempestiva; u għandha ssir ukoll fil-konfront ta' kredituri oħra li jistgħu jkunu jippretendu privileġġ huma wkoll fuq l-istess oġġetti.*

*Għaldaqstant, fil-każ ta' talba biex il-kreditu reklamat jiġi dikjarat privileġġjat fuq oġġetti mibjugħa u mhux imħallsa, u biex il-kreditu għal dawk l-oġġetti jiġi kanonizzat, magħmula kontra d-debitur biss, il-Qorti, fil-waqt li tikkanonizza l-kreditu, jekk ikun dovut, għandha tillibera "ab observantia" mit-talba għad-dikjarazzjoni tal-privileġġ.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, billi l-attur biegħ u ttrasferixxa lill-imsemmi Giuseppe Cassar, il-lum mejjet, il-kwantità ta' injam li tirriżulta mill-anness kont markat "A" bil-prezz komplessiv ta' £147.8.5 li minnhom l-imsemmi Cassar laħaq ħallas akkont ta' £49.10.0, u għalhekk baqgħalu jagħti s-somma ta' £97.18.5; u peress li l-imsemmi Cassar kien ikkonverta dan l-injam, mixtri minn għand l-attur, f'erbatax il-"dresser" tal-abjad u gwardarrobba tal-abjad, li għadhom jeżistu fil-pussess tal-eredità ġjaċenti tad-debitur, skond ma jidher mir-riferta tal-marixxall wara l-mandat ta' qbid numru 361 ta' din is-sena 1957 (dok. B), u għalhekk fuq dawn id-"dressers" u gwardarrobba jikkompeti lill-attur il-privileġġ imsemmi fl-art. 2113(d) tal-Kodiċi Ċivili għall-bilanċ tal-prezz tal-istess injam; talab li l-konvenut nomine, prevja d-dikjarazzjoni, għall-finijiet tal-privileġġ speċjali previst fl-art. 2113(d) tal-Kodiċi Ċivili, li l-injam fornit mill-attur serva biex isiru d-"dressers" u l-gwardarrobba maqbuda mill-marixxall in forza tal-mandat fuq imsemmi, u li għalhekk fuq dawn l-oġġetti jikkompeti lill-attur l-imsemmi privileġġ speċjali għall-bilanċ tal-prezz tal-istess injam, ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta' £97.18.5, bilanċ tal-prezz tal-imsemmi injam ġa mibjugħ u konsenjat lill-mejjet Giuseppe Cassar. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attur biegħ xi injam lill-konvenut nomine, u li l-istess il-lum mejjet Giuseppe Cassar, skond l-attur, ittrasforma f'erbatax il-"dresser" u gwardarrabba tal-abjad li ġew maqbuda bil-mandat ta' din il-Qorti numru 361 tal-20 ta' Novembru 1957. In vista ta' dan, l-instanti qiegħed jitlob li jkun kanonizzat kreditur tal-eredità ġjaċenti ta' Giuseppe Cassar fil-bilanċ tal-prezz tal-injam lill-imsemmi Cassar mibjugħ, u, fil-kontestazzjoni tiegħu biss, li jkun dikjarat li huwa għandu l-privileġġ speċjali maħsub fl-art. 2113(d) tal-Kodiċi Ċivili;

· Ikkunsidrat;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-att taċ-ċitazzjoni dwar l-esperiment tal-privileġġ huwa konċepit ħażin, u d-dikjarazzjoni mitluba hija ntempestiva. Infatti, dwar kif inhija konċepita ċ-ċitazzjoni, jingħad li huwa "per lo meno" stramb li l-attur qiegħed jitlob, bħala preordinata, dikjarazzjoni ta' privileġġ speċjali fuq l-oġġetti mobili msemmija qabel il-kanonizzazzjoni tal-kreditu. Infatti, hu risaput li l-kreditu huwa ħaġa u l-privileġġ ħaġ'oħra; il-kreditu huwa dak li huwa dovut "ex quacumque actione", u l-privileġġ huwa d-dritt ta' prelazzjoni akkordat mill-liġi lill-kreditu fir-rigward tal-kawża tiegħu. Il-kreditu jissussisti indipendentement mill-privileġġ, mentri l-privileġġ ma jistgħax jissussisti mingħajr il-kreditu; il-kreditu huwa relazzjoni ġuridika bejn il-persuna azzjonanti u l-persuna azzjonata, mentri l-privileġġ huwa rapport ġuridiku bejn il-kreditu u l-ħwejjeġ li l-liġi tkun riedet speċjalment tiddestina għas-sodisfazzjon tal-kreditu;

Minn dan jitnissel li huwa legalment mhux konċepibbli li tiġi mitluba dikjarazzjoni ta' privileġġ bħala preordinata għat-talba tal-kundanna għall-kreditu reklamat; imma, skond il-loġika naturali u ġuridika, it-talba għall-kanonizzazzjoni fis-sens li l-kreditu tal-attur għandu jgawdi d-dritt ta' prelazzjoni fuq il-ħwejjeġ partikulari (u fil-kelma 'ħaġa' użata mill-liġi bl-artikolu ċitat huma kompriżi anki l-flus) li huma destinati biex jiggarantixxu aħjar il-pagamenti. Imma, apparti l-osservazzjonijiet li ġew premessi, id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur hija ntempestiva, l-għaliex, skond l-art. 2098, kull min jobliga ruħu personal-

ment, hu obligat jeżegwixxi l-obligazzjonijiet tiegħu bil-beni kollha li għandu u li għad ikollu, u sakemm ma jitfaċċawx kredituri oħra ma jidħlux il-jeddijiet leġittimi ta' preferenza; u kwindi t-talba għal dawk l-istess jeddijiet hija di fronti għad-debitur inopportuna;

Jekk, mbgħad, l-attur għandu, jew kellu, motivi jaħseb li jistgħu jew setgħu jiġu l-quddiem kredituri oħra tal-istess debitur b'xi jeddijiet leġittimi ta' preferenza fuq il-ħaġa in kwistjoni, kien dmiru, f'azzjoni ntiża għall-esperiment tal-privileġġ li qiegħed jallega, jiċċita direttament ukoll lil dawk l-istess kredituri, biex jara li jipprevali fuqhom id-dritt tiegħu minnu sostnut; l-għaliex fil-konkorrenza tal-kawża tal-kreditu tagħhom biss tista' tiġi valutata u apprezzata dik l-istess prevalenza. Infatti, fil-każ in diżamina, jista' jagħti l-każ li mal-kreditu tal-attur, allegat privileġġjat fuq il-ħaġa in kwistjoni, jista' jikkonkorri wkoll fuq l-istess ħaġa sid il-kera fejn dik l-istess ħaġa tinstab, jew il-konsenjatarju ta' dik l-istess ħaġa, jew xi kreditur li ħadem fiha jew li ħareġ xi spejjeż sabiex tiġi prodotta, konservata jew miljorata, li jistgħu jkunu preferiti bil-kreditu tagħhom għall-istess kreditu tal-attur; u dan apparti l-kwistjoni, li hija dibattuta ħafna fid-dottrina, dwar jekk il-venditur ta' ħaġa mobili jikkonservax jew le l-privileġġ tiegħu meta l-ħaġa mobili li huwa jkun biegħ u ma tħallasx tagħha ma tkunx teżisti aktar in natura u "per sè stessa" fil-pussess tad-debitur, jew tkun ġiet trasformata f'ħaġa diversa;

Illi, kwindi, l-affermazzjoni ġudizzjali tal-jeddijiet leġittimi ta' preferenza reklamati mill-attur kontra d-debitur biss, apparti li hija inopportuna jekk ma hemmx kreditu ta' ħadd ieħor fuqha, hija ndubbjament intempestiva; u din il-Qorti mhix disposta tissanzjona proċediment simili, operabbli u applikabbli għall-każ ta' konkors ta' kredituri fuq l-istess ħaġa tad-debitur;

Ikkunsidrat;

Illi, in kwantu għall-kreditu reklamat mill-attur, it-talba tidher ġustifikata, l-għaliex ġiet ammessa in kwantu għall-kreditu biss;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara l-istess dikjarazzjoni mitluba bl-att taċ-ċitazzjoni, bħala preordinata għall-kundanna tal-kreditu reklamat, bħala intempestiva, u in konsegwenza tillibera l-konvenut nomine minnha, u tikkundanna lill-instanti fl-ispejjeż tagħha, salv lill-attur id-dritt li jkun jista' jġib il-quddiem il-kwistjoni meta jkun il-waqt, jekk qatt tqum il-kwistjoni; u t-tieninett tilqa' t-talba tal-attur għall-bilanċ tal-kreditu minnu mitlub, bl-ispejjeż ta' din il-kundanna għall-konvenut nomine, tassabbli bħal fil-każ ta' ammissjoni.